*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Guerra e Andrade u D. Recchia, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2010 li tistabbilixxi l-ammont finali tan-nefqa eliġibbli tal-għajnuna mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) mogħtija lir-rikorrenti għal azzjonijiet ta' taħriġ permezz tad-Deċiżjoni Nru C(88) 831, tad-29 ta' April 1988, għall-finanzjament ta' skema ta' taħriġ (Fajl 88 0369 P1).

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *L-Associação de Empresas de Construção e Obras Públicas e Serviços (Aecops) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 139, 07.05.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' April 2013 — Aecops vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-52/11)** ([1])

***("FSE — Azzjoni ta' taħriġ — Tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja inizjalment mogħtija — Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 — Preskrizzjoni — Ċertezza legali — Drittijiet tad-difiża — Terminu raġonevoli — Obbligu ta' motivazzjoni")***

(2013/C 156/70)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Associação de Empresas de Construção e Obras Públicas e Serviços (Aecops) (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentanti: inizjalment J. da Cruz Vilaça u L. Pinto Monteiro, sussegwentement L. Pinto Monteiro, P. Farinha Alves u N. Morais Sarmento, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Guerra e Andrade u D. Recchia, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-27 ta' Ottubru 2010, li tistabbilixxi l-ammont finali tal-ispejjeż eliġibbli għall-għajnuna mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) mogħtija lir-rikorrenti għal azzjonijiet ta' taħriġ permezz tad-Deċiżjoni Nru C(89) 0570, tat-22 ta' Marzu 1989, għall-finanzjament ta' azzjoni ta' taħriġ (fajl 89 0979 P3).

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *L-Associação de Empresas de Construção e Obras Públicas e Serviços (Aecops) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 139, 07.05.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' April 2013 — Aecops vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-53/11)** ([1])

***(Fond Soċjali Ewropew — Skemi ta' taħriġ — Tnaqqis ta' għajnuna finanzjarja mogħtija inizjalment — Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 — Preskrizzjoni — Ċertezza legali — Drittijiet tad-difiża — Terminu raġonevoli — Obbligu ta' motivazzjoni)***

(2013/C 156/71)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Associação de Empresas de Construção e Obras Públicas e Serviços (Aecops) (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentanti: inizjalment minn J. da Cruz Vilaça u L. Pinto Monteiro, sussegwentement minn L. Pinto Monteiro, P. Farinha Alves u N. Morais Sarmento, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Guerra e Andrade u D. Recchia, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-27 ta' Ottubru 2010, li tiffissa l-ammont finali tal-ispejjeż eliġibbli għall-għajnuna tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) mogħtija lir-rikorrenti għal żewġ skemi ta' taħriġ permezz tad-Deċiżjoni C (89) 570, tat-22 ta' Marzu 1989, għall-finanzjament ta' skema ta' taħriġ (fajl 89 0771 P1).

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *L-Associação de Empresas de Construção e Obras Públicas e Serviços (Aecops) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 139, 7.5.2011.